ESPERJENZA
TA'......

# NICHOLAS CACHIA FL-INDJA

L-Indja: ħolma li qatt ma ħlomt li tista' ssir realtà! Kien ili żmien nistenna bil-ħerqa li tasal il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju — kienet iddata li fiha jiena f'imkien ma' 24 żgħażagħ oħrajn kel'na nitilqu lejn l-Indja. Kont ili nisma' fuq dan il-pajjiż minn meta kont għadni żgħir — imma issa dak kollu kont sa narah u mmissu b'idejja. Jiena u dieħel l-ajruplan li kellu jwassalna f'dan il-pajjiż tat-Tielet Dinja kif insejħulu, ħassejtni li sa nibda ħolma ġdida f'ħajti. Ma kontx naf kif ser tispiċċa! Wara xi sebgħa sigħat ajrup'an wasalna. Malli ħriġt fil-bieb ta' l-ajruplan inġbidt lura. L-arja sħuna u umda tal-post lanqas biss ħallietni nieħu nifs. L-ewwel ħsieb li għaddieli minn moħħi kien proprju dan: x'ġejt nagħmel hawn fl-Indja. Biex tgħaqad, kienet nieżla x-xita u sakemm wasalna fis-sala fejn jiċċekkjaw il-passaporti u l-bagalji lħaqna xxarrabna. Din kienet forsi l-Indja mħawda li kien hemm f'moħħi — Indja sabiħa u Indja konfuża.

Wara li għaddieli xi ftit ix-xokk tal-bidu u bdejt noqgħod ftit għall-arja u l-ambjent. bdejt ninduna li l-kwadru li kienu jpinġuli ta' l-Indja kollha faqar ma kienx kwadru komplet. Tibda tħares madwarek u tara bini għoli, monumenti, ħwienet u lukandi xi kultant aqwa minn ta' Malta, u fuq kollox, l-aktar li laqtuni, ix-xeni mill-isbaħ ta' ħdura kontinwa li ma tispiċċa qatt. Għelieqi tarross, siġar tal-palm u tal-cocoanut, siġar tal-mangols u tal-pine-apples, ġonna sħaħ li f'nofshom hemm monumenti nazzjonali. Dan kollu tarah fil-belt; imma mbagħad xi ngħidu għall-irħula? Kull ma tara madwarek huma għerejjex, siġar li ħafna drabi jkunu madwar xi għadira ilma li tintuża għal kollox, minn ħasil ta' ħwejjeġ u platti sa 'banju' fejn jinħaslu n-nies. Kull ma' tisma' huwa l-għajjat tat-tfal li jiġu jifirħu miegħek u li jkunu jixtiequ ko'lha jsiru jafuk aktar mill-qrib u l-għajjat kontinwu ta' l-annimali tal-foresti, speċjalment taċ-ċawl, li tgħidx kemm kien idejjaqna speċjalment fil-ħinjiet ta' rqad. Jiena kelli x-xorti mmur f'xi żewġt irħula, Noynan u Morapai; kull darba li ġejt biex nitlaq minnhom ħassejt bħal għafsa kbira ta' qalb għax warajja naf li ħallejt biċċa minn qalbi.

Biss imżewwaq ma' dawn ix-xeni sbieħ u li qatt żgur ma ninsihom hemm ħafna xeni li nħoss għafsa kbira ta' qalb meta niftakar fihom. Kien ilna 32 siegħa train minn Delhi, il-belt kapitali, fejn inżilna bl-ajruplan sa Calcutta fejn kellna ngħaddu l-biċċa l-kbira tal-mawra tagħna fl-Indja. Għalina dawn is-sigħat kollha bit-train diġà kienu iebsin. Wasalna l-belt ta' Calcutta. Malli wasalna u bdejna nieħdu ftit tar-ruħ, grupp ta' madwar tletin porter ġew biex ituna daqqa t'id, sintendi bil-mod kif jafu huma. Aħna għall-ewwel ma ħallejnihomx, imma mbagħad kellna nċedu. Ħriġna mit-train u rġajt nġbidt lura: nies mixħutin ma' l-art, min rieqed, min jittallab, min b'idu jew siequ maqtugħa jew bit-tram jew inkella qatgħuhielu l-ġenituri tiegħu biex in-nies ikollhom ħniena minnu. Kull fejn tħares nies, nies u konfużjoni. Ma nibżax ngħidha, għax hekk hu: Calcutta hija l-belt ta' konfużjoni u kaos. Ħriġt fit-triq. Ma' dak li rajt fl-istazzjon tal-ferrovija, ingħaqdu l-ħornijiet tal-karozzi, il-kwantità kbira ta' karozzi kollha jimxu fejn jidhrilhom huma.

Bejn wieħed u ieħor dan huwa l-ambjent li ltqajt miegħu fl-Indja. Emmnuni, ppruvajt inpenġih kemm jista' jkun b'mod realistiku. Mhux veru dak li jgħidu, jew almenu fejn mort jiena, ma rajtx nies imutu fit-triq imma rajt nies li dejjem ifittxu, issa xi loqma ħobż, issa ftit fiham fuq ir-rails tal-ferrovija, issa mediċina, issa karti biex ibigħuhom... kollox. Rajt nies li dejjem jittalbu għax kull ma għandhom tagħhom huma l-ħwejjeġ li qegħdin jilbsu l-bott li jittalbu



Grupp ta' tfal flimkien ma' Bro. Jesudas M.C., brother ta' Mother Theresa isellmulna wara li għaddejna ġurnata flimkien fil-villaġġ ta' Noynan.

fih, nies b'mard li jittiehed u li hadd ma jersaq 'ejhom ghax jibża', nies li ma jafux jibku aktar ghaliex ma baqagh hom xejn taghhom, nies li ku hadd jitqażżiżhom ghax mahmuġin ghax mit'uqin ghax qeghdin aghar mill-bhejjem. Kif tista' tiskot quddiem din ir-realtà kiefra tal-hajja! Dawn huma jew mhumiex bnedmin? Dawn nies bhali u bha'ek. X'ghandhom inqas? Gha'fejn lanqas ma naghtuhom jiena u inti li qieghed jew qeghda taqra — nibdew minna — id-dritt tal-hajja, ta' l-ghajxien taghhom?

Kont ghaddej mit-triq bil-coach. Konna sejrin fi stat iehor, hdejn dak ta' Calcutta. F'nofs it-triq, nara bniedem mixhut ma' l-art. Skeletru — kull ma ghandu huma l-ghadam u l-ġilda — xejn musko'i, xejn laham — skeletru. Ghaddejjin il-karozzi, ghaddejjin in-nies ghaddejjin ahna, u hadd ma jaghti kasu. Ikol ok aptit iddur fuq il-Mulej u tghajjat: "Imma din ġustizzja?" Imbaghad, bhal donnu tisma' lehen fik ighajjat aktar minn tieghek: "Fejn hi l-ġustizzja li qieghed taghmel int? Jien tajtkom ġid ghal kulhdadd u kontu intom li ma qsamtuhx kif kellkom taqsmuh bejnietkom." Dan li rajt f'nofs it-triq huwa realtà kif inhi realtà ukoll l-istorja l-ohra tat-tarbija li ltqajt maghha fis-slums ta' Calcutta

Kont qieghed indur mal-Brothers ta' Mother Theresa, meta rajt omm b tarbija fuq dirghajha. Mal-ewwel dawwart harsti fuqha u meta l-omm ratni niehu dak l-interess fit-tarbija taghha qaltli: "Tridha? Hudha! Hudha d dar tieghek!" Jiena skantajt ma stajtx nemmen lil widenejja... imma wara fhimt. L-omm kienet taf li jiena hdejha kont sinjur kbir u stajt nghajjex lit-tarbija kif jixrraq lil h'ejqa ta' Alla. Hadtha f'idejja u fhimt aktar l-imhabba ta' dik l-omm żaghżugha. It-tarbija ma kienetx tiżen aktar minn żewġ kilos u kellha tliet snin. Il-ġilda ta' saqajha kienet kollha mkemmxa bix-xahar diġà hiereġ minn saqajha, qishom ta' xi mara li dahlet hafna fiż-żmien. U terġa' tahseb: "Jiena x'tajtu 'l Alla biex ġejt kif ġejt? Hdejn dawn in-nies li ma ghandhom xejn taghhom, il-familja tieghi hija sinjura. Ghandi saqaf fejn nista' nistkenn ghandi l-ikel, il-ġenituri huti, u l-hbieb li jhobbuni u jinteressaw rwiehhom fija ghand' hafna kumditajiet ohra li lili forsi, xi tinda borma u kenur fuq xhiex isajru u xi hasira jew biċċa xkora fuq xhiex jorqdu. Daqshekk... u xejn aktar. Anzi jista'



**Il-kappella tal - Catechetical Training Centre (C.T.C.), f'Torai fil-Missjoni tal-Ġiżwiti Maltin tas-Santals. Jiehu hsieb dan iċ-Ċentru hemm Patri Pawl Aquilina S.J.**

jkun li dawn ghal xi familji ma' jeżistux ghax darhom hija t-triq, l-istazzjon, il-mina, il-hajt ta' xi hanut jew dar lussuża. Imma mbaghad thares lejhom u tara f'wiċċhom il-ferh fis-sempliċità taghhom u tasal biex tistaqsi lil'ek innifsek: "Ghaliex jiena tant ghandi affarijiet u ma nistax inkun ferhan?" In-nies li ltqajt maghhom l-Indja, ippreżentawli quddiemi l-misterju tal-ferh li wiehed ihoss fis-sempliċità tar-ruh.

Minn hawn tibda tapprezza hafna aktar ix-xoghol li l-missjunarji, kemm brothers u sisters ta' Mother Theresa u kemm il-Patrijiet Ġiżwiti Maltin, fosthom il-Ġiżwiti Siġġiwin qeghdin jaghmlu f'dawn il-postijiet. Irid ikollok verament imhabba kbira li ma tistax tghaddi minghajr l-ghajnuna tat-talb u l-hbiberija kontinwa li jrid ikun hemm bejn Alla u l-missjunarju. Ix-xoghol taghhom huwa diġà diffiċli ghaliex qeghdin jaghmluha ma' nies li ghadhom lura hafna fl-edukazzjoni taghhom, imma mbaghad issir hafna aktar diffiċli meta dan ix-xoghol taghm'u fl-ambjent ta' l-Indja. Fil-mawra tieghi, jiena hassejtu dmir tieghi ghalhekk li mmur inżur il-patrijiet Siġġiwin, Patri Pawlu Aquilina, Patri Ġużepp Schembri, u Brother Anthony Farrugia li lkoll qeghdin iwettqu xoghol fejjiedi hafna ghall-missjoni taghhom fis-Santals.

Dawn huma n-nies li semghu qabel kollox l-ghajta ta' l-imsakbin tad-dinja, ghajta li ma tistax toqghod kwieta u li m'ghandix toqghod kwieta quddiem din is-sitwazzjoni ta'

*(ikompli f'paġ. 17)*

*(Jaqbad minn paġna 8)*

inġustizzja kbira li qatt, bħala bnedmin ma nistgħu noqogħdu għaliha. X'nistgħu nagħm'u aħna? Jekk aħna ngħidu li aħna nsara, ejjew nagħtu ftit każ aktar ta' l-Evanġelju u nippruvaw ninterpretawh kif fehmu Kristu stess. Ma nippruvawx indawru Kliem Kristu kif jaqblilna imma nħalluh itina u jpoġġilna c-challenge li jrid ipoġġilna quddiemna f'ħajjitna. Niftakru dejjem fi kliemu stess meta qa': "Imberkin il-foqra fl-Ispirtu għax huma jkollhom l-art bħala wirt."

O

## NITOLBU U NGHINU

"Dwar l-għajnuna lill-Missjonijiet, m'hemmx għa'fejn ngħidu, li jkun żball kbir jekk naħsbu li din għandha tkun biss finanzjarja, għalkemm din hi meħtieġa biex intaffu l-miżerji l-iktar kbar ta' ħafna minn ħutna. L-għajnuna finanzjarja għandha tkun imsieħba mat-talb, li ma nistgħux ngħaddu mingħajru. Għandna nitolbu għall-vokazzjonijiet, għall-missjunarji, għal ħutna mhux insara; għandna nitolbu wkoll sabiex in-nazzjonijiet li jgawdu livell għoli ta' ċiviltà u prosperità, jiftħu qalbhom għall-bżonnijiet tan-nazzjonijiet inqas ixxurtjati minnhom."

Għal dan il-kliem imqanqal tal-Missier tagħna l-Papa Ġwanni Pawlu II, ħadd ma jista' jibqa' biered u ma jħossx id-dmir li jagħti sehemu, bit-talb u bil-karità, sabiex is-Saltna ta' Kristu tinxtered mad-dinja kollha. U dan nagħmluh l-iżjed fil-

ĠURNATA MISSJUNARJA
IL-HADD, 19 TA' OTTUBRU 1980